*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,348, 2 ta' Diċembru, 2008*
*Taqsima B*

**A.L. 324 tal-2008**

## ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
## (KAP. 327)

### L-Ordinamenti ta' l-2008 skond ir-Regolamenti Ġenerali ta' l-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Postgraduate Diploma in Probation Services taħt il-patroċinju ta' l-Institute of Forensic Studies

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74(5) u 75(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Institute of Forensic Studies bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

**It-Titolu u l-Interpretazzjoni**

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2008 skond ir-Regolamenti Ġenerali ta' l-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Postgraduate Diploma in Probation Sevices taħt il-patroċinju ta' l-Institute of Forensic Studies.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Institute of Forensic Studies;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-għoti tal-Postgraduate Diploma in Probation Services;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Probation Services; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali ta' l-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2008 jew wara.

**Ir-Rekwiżiti għad-Dħul**

3. (1) Il-Kors huwa miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) grad ta' Bachelor bl-Unuri miksub ta' l-anqas fit-Tielet Klassi f'qasam ta' studju li l-Bord iqis li huwa rilevanti; jew

(b) grad ta' Bachelor miksub ta' l-anqas f'Kategorija III f'qasam ta' studju li l-Bord iqis li huwa rilevanti.

(2) Id-dħul ta' l-applikanti skond il-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament għandu jkun suġġett għar-riżultat ta' intervista.

**It-Tul tal-Kors**

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' żewġ semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time*.

**Il-Programm ta' Studju**

5. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati total ta' 60 kredtu.

6. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

**Il-Valutazzjoni u l-Progress**

7. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sa l-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 kredtu għal taqsimiet studju mgħallma, jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *full-time*, jew mhux aktar minn 10 kredti jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni ta' l-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kredti permess skond il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kredti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

**Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent**

8. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.

**Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time***

9. Il-provvedimenti ta' l-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.

**It-Thassir**

10. Ir-Regolamenti ta' l-1999 tal-Kors għad-Diploma in Probation Services, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 6 ta' l-1999, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2008, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2008 għandhom ikomplu jkunu regolati mir-regolamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors.